**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1077/2023 RM**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**AHMED MOOGE AHMED**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2023**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **AHMED MOOGE AHMED** ta' tletin (30) sena, iben Ahmed u Nima, ta' nazzjonalita' Somala imwieled Hawo Tako nhar il-ħdax (11) ta' Jannar, elf disa' mija u disgħa u tletin (1993) bla residenza fissa u detentur tal-Police Number 13B-047 u detentur tal-karta tal-identita' Maltija 104810A, akkużat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli :

Għall-ħabta ta' bejn il-ħdax (11:00) ta' filgħodu u nofsinhar (12:00) fis-sittax (16) ta' Ottubru efejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbilment Fred Perry, fi Triq il-Merkanti Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Irrenda ruħu kompliċi fid-delitt ta' serq ta' ħwejjeġ, liema serq huwa sempliċi, u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, ikun għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew ikun xewwex lil ħaddiehor jew inkella saħħaħ il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassistih, jieqaf miegħu jew jikkumpensah, u dan sar għad-detriment ta' l-istabbiliment ta' *Fred Perry* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

   *Artikoli 42(d)(e), 43, 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, għall-ħabta ta' bejn it-tmienja (08:00) ta' filgħodu u l-għaxra (10:00) ta' filgħodu fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġewwa l-istabbiliment *Franks,* fi Triq Ħal Luqa, Paola u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' *mobile,* liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Melisa Gizem Ertek** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

   *Artikoli 261(ċ), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, għall-ħabta ta' bejn id-disgħa (09:00) ta' filgħodu u nofsinhar (12:00) fit-tmienja (8) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

3. Xjentement laqa' għandu *bank card*, meħuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u prova juża din l-istess *bank card* ġewwa l-*Cash Corner* u ġewwa *St. Matthew's Pharmacy* fil-Gżira, Malta għad-detriment ta' **Carmelo Portelli** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

   *Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, għall-ħabta tal-erbgħa (16:00) ta' waranofsinhar fit-tlettax (13) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġewwa Patri Felician Bilocca Garden:-

4. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissjaru

   *Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli:

5. Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Melisa Gizem Ertek** u **Carmelo Portelli** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat iwieġeb waqt l-eżami li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin konsiderevoli sabiex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli li hija ta' priġunerija effettiva.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati kommessi mill-imputat li kien involut f'għadd ta' serqiet fuq medda ta' ftit ġimgħat, kif ukoll il-fatt illi l-fedina penali tiegħu xejn m'hi waħda feliċi. Qieset ukoll il-fatt illi l-imputat ma ko-operax mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni u ma rritorna ebda waħda mill-ħwejjeġ misruqa minnu jew li laqa' għandu bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9. Madankollu, fl-istess ħin, il-Qorti tat qies lill-ammissjoni bikrija tal-imputat li ammetta l-ħtija kif appena tressaq quddiemha akkużat b'dawn ir-reati.

Jiġi osservat illi mid-dokumenti akkwiziti fl-atti ma jistax jiġi stabbilit il-valur tal-ħwejjeġ misruqa mill-imputat jew bil-kompliċita' tiegħu jew tal-ħwejjeġ misruqa li laqa' għandu.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 42(d)(e), 43, 49, 50, 261(ċ), 267, 279(a), 284, 285 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil AHMED MOOGE AHMED ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah ħdax (11)-il xahar priġunerija effettiva, kif ukoll *multa* ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).**

**Billi ma nġiebet ebda prova tal-valur tal-oġġetti misruqa jew riċettati, tastjeni milli tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15A jew tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**Tastjeni wkoll milli tapplika fil-konfront tal-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma ġewx maħtura esperti jew periti fil-proċeduri.**

**Tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**